MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 423 (8-51)

It-Tnejn 4 ta' Lulju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**423.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**423.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

**423.1.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**423.1.3** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 422. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**423.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**423.2.1** 422.3.8 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk intbagħtitx l-ittra kif deċiż fis-Seduta 422. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv. Huwa saqsa jekk kienx hemm xi tip ta' risposta jew komunikat fir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Huwa talab li l-Kunsill għandu jinsisti dwar kjarifika tas-sitwazzjoni. Is-Sindku assikura li ser jiċċekja mac-chairman tal-RSSL. Huwa qal li f'ċirkustanzi simili, il-Kunsill ma jkunx konsultat dwar deċiżjoni tal-istess RSSL peress li l-persuna hija 'assenjata' mal-Kunsill, iżda jsir kuntatt dirett mal-impjegat. Is-Sindku qal li ser jinsisti li b'mod immedjat tiġi assenjata persuna oħra idonea bħala replacement. Is-Sindku qal li bħalissa l-operat diġa qed jaffaċċja nuqqas ta' staff anka minħabba n-nuqqas ta' impjieg ta' contracts manager u anka problema bil-ħaddiema ta' barra. Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta dwar l-impjieg tal-applikant għal post ta' contracts manager minħabba l-kwistjoni tal-eta'.

**423.2.2** 422.11.3 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk ġewx applikati defaults fil-pagamenti tal-kuntratt tan-non urban kif ġie deċiż fis-Seduta 422. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-lum għad ma rċeviet l-ebda kont mill-kuntrattur, u li ser jiġu applikati defaults skond il-Kuntratt LCS34/2020 item 4.2.7. Hija qalet li intbagħtu diversi default letters lill-Kuntrattur biex jiġi mgħarraf bin-nuqqasijiet tiegħu u anka ġie avżat kemm il-darba bin-nuqqasijiet tiegħu tramite l-grupp messanger peress li jidher li hu l-unika mezz fejn ġieli jirrispondi. Il-Kunsillier qal li s-sitwazzjoni ma tjibetx u jidher li m'hemmx xaqq ta' dawl li l-kuntrattur jagħti servizz tajjeb. Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni mhix tenibbli iktar. Hu qal li t-toroq rurali qatt ma kienu f'dan l-istat anka wara diversi tentattivi biex is-sitwazzjoni titranġa. Huwa qal li anka rapport ta' qattus mejjet għaddew diversi jiem u ma ttieħdet l-ebda azzjoni, u din mhux darba jew tnejn. Is-Sindku qal tqabbdu żewġ kuntratturi oħra b'direct order biex jitnaddfu toroq b'urġenza, u dan riżultat tan-negliġenza tal-kuntrattur preżenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jaffaċċja spejjeż żejda u propona li jibdew il-proċeduri biex il-kuntratt eżistenti jiġi terminat skond Artiklu 19.2 (iii). Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv titlob parir legali dwar dan. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku.

**423.2.3** Is-Sindku rringrazzja lid-Dipartiment tal-Cleansing u anka ta' Parks Malta tal-għajnuna tagħhom u anka l-koperazzjoni u l-azzjoni mmedjata kull meta nitolbuhom. Huwa qal li d-Dipariment tal-Cleansing għaddej b'xogħol kontinwu anka fi Ħdud u festi Pubbliċi b'tindif ta' terrapien u ammonti kbar ta' skart ieħor li jintefa llegalment fil-kampanja Siġġiwija. Hu qal li dan l-aħħar wara talba mill-Kunsill, ittieħdet azzjoni mmedjata sabiex tneħħa tunnellati ta' skart minn ħdejn il-bring in site. Huwa qal li Parks ukoll għaddejjin b'tindif f'diversi widien madwar is-Siġġiewi.

**423.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**423.3.1** Is-Sindku qal li kkkomunika ma' Infrastructure Malta rigward ix-xogħolijiet li hemm bżonn fil-bridge ta' Għar Lapsi u l-ħsara li qed tkompli tiżdied. Huwa qal li lura fl-2017 il-Kunsill kien diġa ġibed l-attenzjoni tal-Ministeru kkonċernat u fl-2021 intalab l-intervent ta' IM. L-ERA kienu qed joġġezzjonaw peress li kellhom jinqalgħu xi siġar biex isir l-istudju neċessarju iżda dawn ġew rikompensati b'ammont ta' siġar u arbuxelli endemiċi li ġew imħawla fl-inħawi bħala parti minn proġett ta' IM. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni finanzjarja li jaffaċċja tali spiża iżda konxji li l-ħsara qegħda hemm u il-possibilta' li tiżdied. Għalhekk, hemm bżonn li nkomplu ninsistu għal intervent neċessarju ma' entita' governattiva.

**423.3.2** Is-Sindku qal li staqsa dwar ix-xogħolijiet fi Triq Annabelle Vassallo u Triq L-Imqabba. Huwa qal li bħalissa għaddej proċess fuq id-devoluzzjoni ta' biċċa art biex il-proġett eventwalment ikun jista' jibda.

**423.3.3** Is-Sindku qal li fir-rigward ta' xogħolijiet illegali kemm f'Ta' Bur Ġabrun, Wied Xkora u oħrajn simili, il-Perit tal-Kunsill ħejja rapport u saret is-sottomissjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku qal li għandha tingħata konferenza stampa dwar dan fuq is-sit u talab lill-Kunsill isib data adekwata biex tiġi eskalata l-azzjoni minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Julian Borg qal li ladarba l-applikazzjoni biex il-barriera tiġi sanctioned għadha hemm, din ma tistax tiġi injorata, anke jekk il-materjal viżibbli forsi naqas jew preżentement waqfet l-azzjoni momentarjament. Huwa propona li l-Kunsill għandu jżomm kuntatt u aġġornat permezz tal-avukat tal-LH biex is-sitwazzjoni tkun imħarsa.

**423.3.4** Il-Kunsillier Adrian Farrugia ħareġ fis-6.30pm.

**423.3.5** Is-Sindku qal li l-illegalita' lejn Ta' Kandja filfatt tagħmel ma' Ħal Farruġ u mhux mal-konfini tas-Siġġiewi. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li kull każ għandu jiġi trattat separatament għax il-problemi u l-impatt huma differenti. Hija qalet li taqbel li ssir konferenza stampa fuq is-sit u jekk hemm bżonn tinħareġ stqarrija fuq kull każ partikolari.

**423.3.6** Il-Kunsillier Adrian Farrugia daħal lura għal laqgħa fis-6.45pm.

**423.3.7** Is-Sindku qal li minn informazzjoni, kemm il-proġett taz-zuntier u anka l-proġett tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier qegħdin fi proċess ta' evalwazzjoni tat-tender. Fir-rigward tal-Proġett Komunitarju f'Ramija, għad qed jistennew xi konferma mill-Ministeru kkonċernat.

**423.4** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**423.5** **Tiġdid tal-polza ta' assikurazzjoni**

**423.5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-polza ta' assikurazzjoni eżistenti 'public liability' ser tiskadi fl-10 ta' Lulju 2022. Hija qalet li wara riċerka fis-suq għall-kwotazzjonijiet, irriżulta li l-kumpaniji ta' assikurazzjoni ikkuntattjati irrifjutaw għal diversi raġunijiet, mentri l-Mapfre Middlesea ikkwotat għall-items kollha għall-prezz ta' €4217, eskluża t-taxxa. Hija qalet li l-polza tinkludi l-kopertura għall-assi fissi tal-Kunsill (propjetajiet), għamara u fixtures, sistema fotovoltajika, ħġieġ, electronics, public liability, impjegati, ġarr ta' flus u apparat. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-polza kif proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**423.5.2 Ċirk AKL2022/064 – Group Life Policy – Membri Eletti**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ċirkolari AKL2022/064 għal tiġdid ta' polza ta' assikurazzjoni 'Life Policy għas-Sindkik, Viċi Sindki u Kunsilliera' bir-rata ta' €65 -il persuna. Is-Sindku propona t-tiġdid. Il-Kunsill unanimament approva.

**423.6 Introduzzjoni ta' Community Police fis-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa ta' introduzzjoni dwar il-community policing fil-lokalita'. Huwa qal li għadu mhux ċar jekk l-għassa tal-lokal hix ser tkun għassa distrettwali tal-Pulizija jew jekk hux ser tintuża mill-Community Police. Huwa qal li l-CP mhux ser ikun jissostitwixxi l-Pulizija kif nafuħ aħna, iżda ser ikun il-link bejn il-Kunsill u r-resident, fejn resident jista' jżomm kuntatt ma' CP partikolari dwar xi issues li jistgħu jinqalgħu, dwar ħmieġ, xi argumenti bejn ġirien u affarijiet oħra. Huwa qal li ser ikun hemm komunikazzjoni qawwija mal-Kunsill fejn issues partikolari ser jiġu tackled bħal per eżempju issemmiet il-problema tal-vandaliżmu fil-bandli. Huwa qal li s-servizz ser ikun iktar ibbażat fuq edukazzjoni u sens komunitarju. Issemmiet ukoll il-bajja ta' Għar Lapsi, fejn ħareġ il-fatt li pulizija għalxejn ikun stazjonat fiss l-għassa iżda għandu jkun idur bejn in-nies biex jeduka. Is-servizz għandu jiġi launched uffiċjalment iktar tard din is-sena, previst għal Settembru.

**423.7 Applikazzjoni GAL Majjistral Miżuri taħt LEADER Programme 2014-2022**

Is-Sindku għal darb'oħra semma in-nuqqas ta' kollaborazzjoni li qed isib u li minħabba f'hekk qed jintilfu diversi fondi. Huwa qal li l-Kunsill jista jibbenefika minn bosta skemi, iżda li hemm ħafna xogħol biex isiru l-applikazzjonijiet u ħeġġeġ lill-kunsilliera jagħtu sehemhom.

Huwa qal li bħalissa qed jaħdem mal-perit tal-Kunsill dwar il-permessi neċessarji biex napplikaw għal restawr. Huwa qal li bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent qed jiġu identifikati siti li nistgħu ukoll napplikaw għal fond ta' 'green infrastructure'.

**423.8 Xogħolijiet Siġġiewi – Żebbuġ Junction minn Infrastructure Malta**

**423.8.1** Is-Sindku qal li lejlet festa pubbika, ġie infurmat li ser jibda x-xogħol fil-junction tat-triq tas-Siġġiewi-Żebbuġ. Huwa qal li minkejja vuċi limitata, il-Kunsill ħadem b'kollaborazzjoni anka mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ biex titwassal il-vuċi tar-residenti dwar in-nuqqas ta' koordinament u biex issir il-pressjoni kollha biex inkunu viġilanti u naġixxu mill-ewwel. Saret laqgħa b'urġenza mal-Uffiċjali għolja ta' IM fejn għaliha kienu preżenti flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Julian Borg u Francine Farrugia, u rringrazzjahom tas-sehem tagħhom, kif ukoll is-Sindku u Kunsillieri tal-Kunsill Ħaż Żebbuġ fejn semmew diversi punti. Minkejja dan, jidher li ma kien hemm l-ebda widen u x-xogħol kien diġa beda waqt li kienet għaddejja l-laqgħa u li l-pjan baqa' għaddej kif kien.

**423.8.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-laqgħa ma ħalliet l-ebda frott u l-Kunsilli ma kellhom l-ebda saħħa. Iżda, aħna qegħdin biex inwasslu leħen ir-resident, u m'għandniex nieqfu haw. Huwa qal li l-concerns ressaqnihom, u jista' jkun li l-arranġament kif propost u ddisinjat jaħdem sew u jkun ta' benefiċċju u għandna nagħtu l-benefiċċju tad-dubju li s-sitwazzjoni tista' titranġa. Il-Kunsillier qal li l-fatt li waqt li laqgħa mal-IM, il-kuntrattur kien diġa qed jaħdem hija insult għall-kunsilli. Huwa propona li wara dan l-aġir, għandu jiġi kkuntattjat dirett il-Ministru biex insemmgħu leħinna dirett u biex sitwazzjoni simili ma tirrepetix ruħha.

**423.8.3** Is-Sindku qal li kien hemm element ta' arroganza u li ż-żewġ kunsilli ma setgħux ikunu iktar alerti minn hekk b'azzjoni immedjata. Huwa qal li l-kritika tar-residenti tkun lejn il-kunsilli u mhux lejn IM. Is-Sindku semma wkoll li ressaq il-proposta li tiġi rranġara l-entratura tas-Siġġiewi bħala parti minn dan il-proġett.

**423.8.4** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li waqt il-laqgħa, il-Perit qal li ser jibgħat risposti tal-punti li ssemmew fosthom l-impatt fuq vetturi kbar u zebra crossing, iżda s'issa ma ntbgħat xejn u x-xogħol beda xorta. Hija qalet li l-laqgħa kienet għal xejn u ż-żewġ kunsilli ġew injorati.

**423.9** **Aġġornament dwar proġetti pendenti tal-Kunsill**

**423.9.1** Reading Garden
Is-Sindku qal li l-applikazzjoni kellha tiġi emendata minħabba diversi ostakli mill-istess sorsi li għandhom interess li l-proġett ma jiġix attwat. Dan qed iżomm proġett għar-residenti milli jseħħ u riskju li jintilfu fondi. Fis-sitwazzjoni, l-applikazzjoni qegħda għal clearance mingħand l-ERA.

**423.9.2** Proġett Komunitarju Ramija
Is-Sindku qal li l-proġett qiegħed f'fażi ta' procurement.

**423.10** **Post-Mortem Festa San Nikola 2022**

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu rwol limitat iżda fundamentali fit-tħejjijiet għal festa. Is-Sindku rringrazzja l-amministrazzjoni tal-Kunsill għal koordinament fil-loġistika biex wara nuqqas ta' sentejn minħabba l-pandemija, il-festa setgħet issir b'suċċess. Huwa qal li kien hemm koordinament qawwi kemm bejn l-Arċipriet, l-għaqdiet, is-sidien tal-ħwienet, il-Kuntratturi u b'mod speċjali l-Pulizija anka fid-dawl li l-LESA kienu għaddejjin b'azzjoni industrijali. Is-Sindku rringrazzja lis-Supretendent u l-ispettur tal-assistenza kontinwa. Huwa qal li wara li żżarma l-armar, kien hemm il-ħasil tal-Pjazza u anka tat-toroq tal-madwar.

**423.11** **Festa Għeneb 2022**

**423.11.1** Is-Sindku qal li l-preparamenti għal Festa Għeneb għadhom fi stadju preliminari ħafna. Huwa qal li għalkemm hija x-xewqa tiegħu li din l-attivita' sinonima mas-Siġġiewi ma tintilifx, din is-sena m'hemmx fondi minn skemi għaliha u l-ispiża hija kollha lokali. Huwa qal li attivita' bħal din tkun tinħtieġ impenn qawwi minn numru ta' nies li sfortunatament bħalissa mhux qed isib kollaborazzjoni, u l-piż qed jaqa' kollu fuqu u fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku talab input tal-Kunsilliera. Huwa qal li kull kunsillier irid jaqdi d-doveri tiegħu u jagħti sehmu. Il-Kunsillier Julian Borg qal li hu jixtieq jgħin f'din l-attivita' u qal li bħal ma jaf is-Sindku, dejjem jagħti is-sehem tiegħu kemm jista'. Huwa talab li jkun assenjat rwol fl-organizzazzjoni. Is-Sindku rringrazjah u qal li qed jiproponi data lejn l-aħħar ta' Awissu jew Settembru biex ikun hemm ċans biżżejjed għat-tħejjijiet. 'Il quddiem issir laqgħa ta' koordinament.

**423.12** **Kuntratti**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

**423.12.1** Kuntratt LCS23/22 – Street Sweeping

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li is-sejħa għal dan it-tender għalqet fit-30 ta' Ġunju 2022 fejn ġew sottomessi erbgħa offerti, liema ammonti finanzjarji kienu eżattament l-istess ċifra. Hija qalet li t-tender qed jiġi evalwat, u ser tintalab kjarifika lill-offerenti kollha biex joffru skont fuq l-offerta finanzjarja, bl-istess kundizzjonijiet kif mitlub mir-regolament tat-tenders.

**423.12.2** Kuntratt LCS22/22 – Bulky refuse

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tender ġie evalwat u t-tlett offerti mitfugħa huma compliant, bl-irħas offerent hija l-offerta 000173508 bl-ammont ta' €113,152. Is-Sindku qal li wara rakkomandazzjoni u anka kif permess fil-kundizzjonijiet, ser tintalab kondotta nadifa tal-Pulizija mill-offerent. Il-Kunsill unanimament qabel li f'każ li tiġi preżentata kondotta nadifa, l-offerta tingħata lill-irħas offerent.

**423.12.3** LCS36/22 – Patching Works

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dokument qegħdin għal vetting mid-Dipartiment biex ikun jista jiġi ppublikat fil-jiem li ġejjin.

**423.12.4** Kuntratt LCS34/2020 – Cleaning of Non urban Areas

Diskuss fil-punt 423.2.3

**423.13** **Mozzjoni: "Mozzjoni dwar deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman fuq il-Każ CEP-22-2898"**

**423.13.1** Is-Sindku talab lill-proponent jaqra l-Mozzjoni. Il-Kunsillier Julian Borg qara l-mozzjoni.

**423.13.2** Mozzjoni:

***"Billi saret investigazzjoni mil-Ufficju ta' l-Ombudsman rigward approvazzjoni u xogħolijiet fi Triq San Nikola, fis-Siġġiewi (ara Doc. A);***

***Billi fir-rapport finali, l-Kummissarju dwar l-Amjent u l-Izvilupp f'istess Ufficju ta' l-Ombudsman jgħid li 'the letter sent by the SLC mayor to IM in February 2022 stating that he finds no objection to the pavement extension';***

***Billi f'istess rapport, l- Ufficju ta' l-Ombudsman qiegħed jikkonferma li ma sabx ħatja lil Infrastructure Malta u li b'konsegwenza ta' hekk ser jinfetaħ kaz ta' investigazzjoni fuq l- Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fuq 'maladministration';***

***Billi kwalunkwe deċiżjonijiet u approvazzjonijiet għandhom jiġu meħudha waqt seduta tal- kunsill lokali għaliex hekk titlob amministrazzjoni għaqlija;***

***Il-Kunsill Lokali imlaqqa illum 4 ta' Lulju 2022:***

***Jirriżolvi li d-deċiżjoni fl-ittra datata Frar 2022 (skond ir-rapport ta' l-Ufficju ta' l-Ombudsman) kienet deċiżjoni tas-Sindku Dominic Grech waħdu u mhux deċiżjoni approvata mil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;***

***Jirriżolvi li fi żmien ġimgħa mid-data ta' din is-seduta, is-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kopja ta' l-ittra imsemmija hawn fuq, mibgħuta mis-Sindku lil Infrastructure Malta fi Frar 2022 lil kunsilliera kollha tal-lokalita' tas-Siġġiewi;***

***Jirrizolvi li din il-mozzjoni u l-vot meħud fuqa jintbgħatu lill-Ufficju ta' l-Ombudsman ta' Malta fi żmien ġimgħa mid-data ta din is-seduta."***

Proponent: Il-Perit Julian Borg

Sekondanti: Is-Sinj. Gillian Farrugia Pace Is-Sinj. Francine Farrugia

**423.13.3** Is-Sindku qal li l-mozzjoni hija bbażata fuq opinjoni finali li rċevejna minn għand l-Ombudsman għal Ambjent u l-Ippjanar, il-Perit Alan Saliba nhar it-13 ta' Ġunju li għadda, li hija opinjoni vvizjata u bla bażi.

Għaldaqstant, is-Sindku qal li qed iressaq dawn l-argumenti relatati mar-rapport riċevuta u fuq l-ebda bażi politika:

• Il-mozzjoni tal-Ombudsman Saliba hi waħda bla bażi u ivvizjata, dan għal fatt li fl-opinjoni tiegħu il-Perit Saliba, irrefera li għamel kuntatt kemm ma' TM kif ukoll IM u qgħad puramennt fuq il-verżjoni li tawh huma;

• Aktar minn hekk l-Ombudsman ippubblika opinjoni finali mingħajr ma kkonsulta mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u talab għal kull tip ta' informazzjoni possibli, bħal minuti tas-seduti tal-Kunsill, x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill fuq din il-materja u punti oħra li setgħu jgħinuh fl-investigazzjoni tiegħu;

• L-Ombudsman mhux talli ma talabx għal din l-informazzjoni u vverifika mal-Kunsill, talli ippublika opinjoni finali fejn eżonera lil Infrastructure Malta minn kull responsabbilta u informa li se jibda jieħu passi kontra l-Kunsill rappreżentat minnu b'akkuża ta' maladministration;

• Din hi opinjoni ivvizjata għal fatt li kisret prinċipju prinċipali tal-ġustizzja naturali, dak tal-audi alteram partem fejn l-istess Ombudsman iddiskrimina mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi billi ma' kkonsultax miegħu u bbaża deċiżjoni mingħajr ma' għamel l-ebda mezz ta' komunikazzjoni mal-Kunsill Lokali u għaldaqstant iddiskrimina l-kunsill tagħna u l-operat tiegħu;

• Aktar minn hekk, il-mistoqsijiet mibgħuta mil-Ombudsman lill-uffiċju tagħna kienu datati nhar l-20 ta' Ġunju, meta r-rapport tal-Ombudsman ġie effettivament ippublikat nhat it-13 ta' Ġunju. B'hekk l-opinjoni kontra l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kienet diġa ippublikata u għaldaqstant il-mistoqsijeit li ntbagħtu lilna kienu mingħajr ebda bażi.

**423.13.4** Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-mozzjoni prezentata mhix direttament fuq il-bankina, imma fuq l-ittra u decisjoni mibghuta mis-Sindku u r-rapport tal-Ombudsman għall-Ambjent u l-Ippjanar

Huwa għamel referenza għal minuti preċedenti fejn is-Sindku ta aġġornamenti dwar ix-xogħolijiet li kienu qed isiru minn IM fi Triq San Nikola, iżda fl-ebda istant ma ssemmiet l-estensjoni tal-bankina in kwistjoni;

Il-Kunsillier Borg qal li hu stess kien talab tiswija ta' bankini fejn hemm ħsarat;

Huwa qal li dejjem attenda għal kull laqgħa fuq il-post meta kien rikjest għajr meta ma setax minħabba impenji ta' xogħol;

Rigward l-ittra allegatament imsemmija fir-rapport, huwa qal li ħadd ma jista' jmeri għax hemm kopja tagħha mehmuża mar-rapport u ffirmata mis-Sindku;

Huwa talab lis-Sindku jikkonferma jekk l-ittra msemmija hix awtentika u ffirmata minnu;

Huwa qal li l-ittra bin-no objection tas-Sindku ħarġet mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill.

**423.13.5** Is-Sindku qal li l-intervent tal-Kunsillier Borg fiħ żewġ fatturi ta' konfużjoni, bejn allegat u fatti. Huwa qal li l-ġist tal-mozzjoni qed jagħmel referenza espliċita għar-rapport, u li l-Kunsill għandu d-dritt li jikjarifika l-pożizzjoni tiegħu bħal ma kjarifikawha entitajiet oħra msemmija. Is-Sindku qal li l-mozzjoni ma fihiex bażi legali għax tassumi li dak kollu li hemm imniżżel fir-rapport huwa fatti u awtomatikament qed tiddelibera lil IM u tikkundanna lill-Kunsill Lokali mingħajr ma kellu ċans jikkjarifika l-pożizzjoni.

**423.13.6** Il-Kunsillier Borg qal li l-fatt li inħarġet ittra mis-Sindku ħadd ma jista' jmerieħ għax qed tiġi preżentata.

**423.13.7** Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace staqsiet lis-Sindku jekk jiċħadx li bagħat dik l-ittra u jekk allura hux qed jgħid li hija falza.

**423.13.8** Is-Sindku qal li kif jafu, huwa segwa personalment mill-qrib ix-xogħolijiet kollha li kienu għaddejjin minn IM, kellu kuntatt kontinwu mal-Perita inkarigata kull istant, anka f'weekends u festi, kien il-Kuntatt bejn il-ħafna issues li inqalgħu mir-residenti biex jiġu kkomunikati u trattati immedjatament u biex ix-xogħol jitesta mingħajr xkiel anka peress li kienet ġejja l-festa tal-lokal.

**423.13.9** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li fl-ebda mument il-Kunsilliera ma rċevew komunikati uffiċjali dwar ix-xogħolijiet li kienu għaddejjin, ħlief updates fis-Seduta. Hija qalet li qatt ma ġie komunikat lill-Kunsill biex tiġi revokata deċiżjoni ta' kunsill preċedenti rigward estensjoni tal-bankina, u anka jekk iż-żmien ma kienetx membru fil-Kunsill xorta kienet a konoxxenza tal-oġġezzjoni li kienet saret.

**423.13.10** Wara d-diskussjoni, is-Sindku talab votazzjoni fuq il-Mozzjoni.

**423.13.11** Vot:
3 favur (Il-Kunsilliera Julian borg, Francine Farrugia u Gillian Farrugia Pace)
3 kontra (is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Adrian Farrugia)
Is-Sindku tefa l-casting vote kontra il-mozzjoni.
Il-Mozzjoni ma ġietx approvata.

**423.13.12** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġi fformulata ittra ta' risposta bl-assistenza legali lis-Sur Saliba bil-punti msemmija minnu hawn fuq. Is-Sindku qal li jrid jassigura li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ma jiġix iddiskriminat minn dan l-uffiċċju tal-Ombudsman għal Ambjent u l-Ippjanar, hekk suppost rwol newtrali, u li l-istess Kunsill ma jkunx vittma ta' rapport ivvizjat u mhux konklussiv bħal dan.

**423.14** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**423.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess fl-applikazzjonijiet PA4154/22, PA3968/22, PA4058/22.

**423.14.2** Il-Kunsillier Julian Borg propona li tintalab iktar informazzjoni mill-perit tal-Kunsill dwar dawn l-applikazzjonijiet: PA3931/22, PA6426/21, PA4259/22, PA4179/22.

**423.14.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li rigward PC99/18 il-Kunsill diġa kien għamel sottomissjoni (ref. File LCS10/13), iżda fid-deċiżjoni meħuda l-punti mressqa mill-Kunsill ma ġewx ikkunsidrati. Huwa saqsa jekk hux lok li jsir appell minn naħa tal-Perit tal-Kunsill.

**423.14.4** Peress li s-Seduta qabżet it-3 sigħat disposti mill-Liġi, is-Sindku talab li titkompla biex titlesta l-aġenda. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill unanimament qabel li titkompla.

**423.14.5** Il-kunsillier Adrian Farrugia ħareġ mill-laqgħa fid-9.05pm.

**423.15** **Rapport tal-Korrispondenza**

**423.15.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**423.15.2** **Ċirkulari SPI/SCI/6/2022 – Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.**

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza riċevuta. Huwa qal li ddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv dwar proġetti li l-Kunsill jista jibbenefika minn fondi taħt din l-iskema. Is-Sindku qal li l-Kunsill ibbenefika minn diversi xogħolijiet ta' asfaltar ta' toroq fil-lokalita iżda li għad hemm diversi bankini f'kundizzjoni ħażina li qegħdin ta' periklu lir-residenti u anka hemm nuqqas ta' aċċessibilta'.

Is-Sindku propona l-bankini kif jidhru hawn taħt:

- Parti minn Triq Dun Manwel Zammit
- Parti minn Triq Mons Mikiel Azzopardi
- Parti minn Triq Papa Pawlu VI
- Parti minn Triq Lapsi
- Parti minn Triq Salvatore Mallia

Is-Sindku qal li għal dan il-għan il-Kunsill jista' jibbenefika minn massimu ta' €65,000 inkluż il-VAT jekk il-proġett ikun eliġibbli, b'85% mill-ispiża mħallsa mill-iskema u l-15% minn fondi lokali. L-applikazzjoni tagħlaq fit-30 ta' Settembru 2022.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni biex issir tali applikazzjoni u li l-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja il-15% minn fondi lokali. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**423.16** **Rapport tal-ilmenti**

**423.16.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**423.17** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**423.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**423.17.2** **Audited Financial Statements – sena finanzjarja 2021**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tipreżenta l-Audited Financial Statements għas-sena finanzjarja 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-aġġustamenti mressqa mill-Awditur u r-rapport finanzjarju għall-approvazzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unaimament approva.

**423.18** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**423.18.1** Akkumulazzjoni tal-Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv (PSMC 3.1.9)
Is-Sindku ressaq it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv għall-estenzjoni tal-bilanċ ta' 112-il siegħa ta' vacation leave mis-sena 2022 għal 2023, skond artikli 3.1.5 u 3.1.9 tal-Public Service Management Code u suġġett għall-approvazzjoni tad-Dipartiment. Is-Sindku propona li tintlaqa' din it-talba. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

**423.18.2** Is-Sindku informa li bħalissa qegħda in vigore azzjoni industrijali mill-LESA, allura dan qed jaffettwa kemm infurzar u anka permessi. Is-Sindku qal li minn naħa tal-amministrazzjoni l-permessi qed jiġu proċessati kollha, għajr jekk tkun fundamentali l-preżenza ta' uffiċjal minħabba periklu.

**423.18.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li ġenituri ġibdulu l-attenzjoni li m'għadux ikun hemm gwardjan fi Triq il-Knisja l-Qadima fil-ħinijiet tal-Mużew. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fis-sajf is-servizz tal-gwardjan jitwaqqaf bi ftehim mas-Superjur peress li l-lezzjonijet tal-mużew jispiċċaw mas-sena skolastika bħal ma jsir kull sena.

**423.18.4** Il-Kunsillier Borg staqsa x'sar dwar il-proposti ta' arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima u oħrajn li kellhom isiru xhur ilu. Is-Sindku qal li l-proposti twaqqfu sakemm jitlesta x-xogħol maġġuri fit-toroq ta' viċin il-Pjazza., u anka peress li hemm proposta ta' proġett ta' xogħol tal-Pjazza stess.

**423.18.5** Il-Kunsillier Julian Borg qal li rċieva diversi lmenti dwar il-lattrina ta' Għar Lapsi, dawl maqtugħ u flushings ma jaħdmux. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa għaddejjin it-tiswijiet meħtieġa.

**423.18.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li rċeviet diversi ilmenti minn residenti ta' ħruġ ta' boroż tal-iskart barra mill-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li intbagħatu diversi ittra lir-residenti u ġew infurmati il-LESA għal infurzar.

**423.18.7** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet għal darb oħra l-periklu tal-barriera mingħajr ilqugħ fi Triq Anġelo Dorini u qalet jekk kienx hemm xi risposti minn naħa tal-awtoritajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li intalbet informazzjoni dwar is-sidien iżda din l-informazzjoni mhix disponibbli.

**423.19** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn l-1 t'Awissu 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum l-1t'Awissu 2022

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv